# Il-Vittmi tal-Gwerra f'San Pawl il-Baħar
# Riċerka ta' John Bezzina

Fil-11 ta' Settembru 1943, Sir Winston Churchill bagħat lil President tal-Amerika Roosevelt, messaġġ qasir hafna li dak inhar stess kien intbgħatu mill-Ammirall Cunningham. Il-messaġġ kien jinqara ħekk: "Il-Flotta Taljana tinsab taħt il-mira tal-kanuni ta' Malta". Ħames biċċiet tal-gwerra Taljani cioe il-battleship "Duilo Doria", il-Cruser "Pompeo Magno" kienu daħlu San Pawl il-Baħar fl-10 ta' Settembru, fil-waqt li l-għada, waslu l-battleships "Vittorio Veneto" u "Italia" flimkien ma hames cruisers "Eugenio di Savola", "Duca D'Aosta", "Montacuccoli", Duca degli Abbruzzi" u "Garibalsi" flimkien mad-destroyers "Velite", "Gregale", Artigliere", "Lagionario", u "Oriani" waslu Malta. Biċċiet oħra tal-flotta Taljana waslu fil-jiem ta' wara, b'kollox 76 biċċa.

Hawn ta' min isemmi li għal xi xhur qabel ma bdiet il-Gwerra fil-Veċċa kien hemm sajjied Sqalli u żewġt uliedu ġuvnotti li kien jisimhom Pietro u Giovanni. Dawn kienu jieklu u jorqdu fuq il-luzzu tagħhom.Jgħinhom fis-sajd kien hemm ċertu Francesco Tripolitin li kien miż żewweġ Maltija. Dawn is-sajjieda kienu l-għira tas-sajjieda ta' San Pawl il-Baħar, għaliex filwaqt li huma jum wara l-ieħor kienu jaqbdu ħafna ħut is-sajjieda ta' San Pawl il-Baħar ma kienu jaqbdu tista tgħid xejn. L-Isqallin qatt ma qalu kelma waħda kif kienu jaqbdu il-ħut.

F'Mejju il-missier u ż-żewġt uliedu Sqallin kienu imġegħlin jitilqu minn Malta. Iżda t-Tripolin baqa hawn. Imma billi huwa lis-sajjieda ta' San Pawl il-Baħar kien jgħidilhom li huma kienu jaqbdu l-ħut għaliex kienu jiġbru xi ħaxix mill-gżejjer......... ħadd mis-sajjieda ta' San Pawl il-Baħar ma ħaddmuh magħhom, għax kien jidħaq bihom.

Insomma meta il-flotta Taljana daħlet f'San Pawl il-Baħar, u allura l-baħrin ingħataw ċans li jinżlu l-art f'tal-Veċċa f'jum minnhom tfaċċaw Pietro u Ġiovanni u bdew jgħajtu lis-sajjieda ta' fuq il-Moll: Il-Gigo', il-Gerfux u l-oħrajn li kienu jafu qabel ma ġew imkeċċijin.

Iżda wieħed mis-sajjieda ta' San Pawl li għadu ħaj, darba rnexxielu jiltaqa mat-Tripolin, u meta dan is-sajjied barra li offra il-kafe u wegħdu ħames liri biex jgħid kif l-Isqallin kienu jaqbdu daqstant sargi. Kienu jużaw il-klorin.

Nafu li parti minn din il-flotta konsistenti minn sitt biċċiet ankrat għad-dell tal-gżejjer ta' San Pawl il-Baħar u taħt il-mira tal-kanuni tal-Fortizza ta' Campbell, kienet f'idejn

kanuniera Maltin, u armi oħra tan-nar żgħar innutati fil-post: Nr. 6 fil-Ponta tal-Miġnuna, P.7 tal-Mistra, P. 8 Tad-Dellija, P.10 Fuq ir-Riħ taħar għasfur, P.11 ta' ħdejn id-dar tas-sajf tal-Agostinjani u l-oħrajn sal-Ponta tal-Qawra; ilkoll fi ħsieb ir-riġment Manchester; mentri fuq ir-riħ tal-Wardija jishru fuq San Pawl il-Baħar kien hemm il-post tal-kanuni ta' kontra l-ajruplani, filwaqt li mal-moll tal-Veccia kienet għal lest il-lanċa 107 sabiex tiġbor l-ekwipaġġi tal-ajruplani taż-żewġ naħat li jaħslu jaqgħu l-baħar.

Il-Fortizza Campbell kellha kanun 9.2" (Breech Loading) li kienu jieħdu ħsiebu il-4th Heavy Reġiment Royal Artillery. Il-"Beach Posts" uħud minnhom bdew jinbnew sa mill-kriżi tal-Abbisinja, 1935. Dawn kienu jintgħarfu minn dawk li nbnew wara billi kienu miksija b'ġebel tal-qawwi imitazzjoni tal-ħitan tas-sejjieħ filwaqt li dawk aktar tardivi kienu kollha ferro-concrete, infatti dik fejn il-pitch tal-"Barracudas", fiha id-data 1942.

Aktar il-ġewwa mix-xtajtiet u aktar fil-għoli inbnew lejn in-naħat tal-Wardija "Depth Posts" u "Pill Boxxes", fil-każ li l-għadu jirnexxilu jaqbad l-art. Kull posta tax-xtajta kienu jieħdu ħsiebha sitta minn nies u "non-commissioned officer", kienu armati bl-azzarini, hand-grenades, Vickers, Bren-Guns u searchlight żgħir barra l-posta. Tard fil-1941, fil-bidu ta' l-1942, fil-bajja tas-Salina, fil-Qawra u fuq il-Wardija twaqqfu stazzjonijiet tal-"GCI" (Ground Control Interception).

Għall-gżejjer Maltin il-kanuni siekta tal-11 ta' Settembru 1943 kienu jfissru li l-gwerra kienet kważi spiċċat għalina, filwaqt li fi inħawi oħra fid-dinja ġebbdet sal-5 ta' Mejju 1945. Tant li bejn il-11 ta' Settembru 1943 sa Awissu 1944 ingħataw biss 12 l-alert ta' ħbit mill-ajru fuq il-gzejjer Maltin. Hawn ta' min ifakkar li bħal ma l-Italja ċediet fit-8 ta' Settembru 1943, hekk ukoll fl-Assedju l-Kbir l-għadu ċeda fit-8 ta' Settembru 1565, u bħal ma l-flotta Taljana wara li ċediet ankrat San Pawl il-Baħar fil-11 ta' Settembru 1943, hekk ukoll fil-11 ta' Settembru 1565, il-flotta tal-Misilmin wara t-telfa ħalliet il-port ta' San Pawl il-Baħar u tas-Salina, bħal ma' kienet għamlet fis-26 ta' Settembru 1427.

## L-Aħħar Vittmi

Imma għalkemm it-Tieni Gwerra Dinija minn Malta kienet ilha li ntemmet tmintax il-sena, anke San Pawl il-Baħar fl-1 ta' Novembru 1961 tilef tnejn minn uliedu kawża ta' balla tal-gwerra. Dawn kienu żewġt itfal li waqt li kienu passiġġata fl-inħawi tat-Torri l-Abjad qrib l-Armier flimkien ma sħabhom tal-Għaqda tal-Mużew ta' San Pawl il-Baħar tilfu ħajjithom traġikament ghax splodiet bomba tal-għadu li kienet għada mitluqa hemm. Dawn it-tfal kienu żewġ kuġini, Tumas Gauci ta' ħdax il-sena, iben Dora u Bertu Gauci ta' 14 il-sena iben Mananni Gauci. Sal-lum fix-xagħra tal-Bandieri, u fl-inħawi tal-Veccia, il-ġenituri taghhom għadhom jiftakru f'din id-disgrazzja.

## L-Ewwel Vittmi

L-ewwel vittmi tal-gwerra f'San Pawl il-Baħar, tilfu ħajjithom f'Burmarrad. Kien bil-lejl tat-18 ta' Ottubru 1941 meta waqt il-ħbit mill-ajru l-familja Bonnici kienu reqdin f'darhom, ħtija ta' bomba tal-għadu sabu il-mistrieħ ta' dejjem. Dawn kienu il-missier Franġisku ta' 50 sena, martu Carmela ta' 44 sena, binhom Guiseppi ta' 16 il-sena, binthom Frances ta' 6 snin u ċ-ċkejken Emanuel ta' 4 snin.

Fis-16 ta' Frar 1942 bomba oħra din id-darba matul il-jum ġiet ħdejn "Villa Bonaci" (Il-Pescatore), forsi l-bomba kienet immirata għar Rest Camp tal-piloti tal-Airforce (Pembroke kif kien magħruf). Din il-bomba qatlet lil Manwel Borg ta' Grezz ta' Venezia. L-istess bomba qatlet ukoll wiehed tal-Airforce li ħasel kien għaddej. Is-suldat Malti, l-uniku persuna tal-Airforce li sibt mietet fis-16 ta' Frar 1942 kien Poole Fredrick LAC 620341. Ma rnexxilix insib s'issa min kien is-suldat Malti. B'din il-bomba ntlaqat ukoll żiemel u raġel li ħelisha ħafif, għaliex "shrappel" laqtitlu il-kappell u mhux rasu. Waqt dan il-hbit tifla ta' għaxar snin, Carmellina Magro mill inħawi tal-Veccia, kienet sejra għall-leżżjonijiet tal-privat tat-Taljan u suldati tal-Airforce ħarġu mir-Rest Camp, u ġieluha tmur lejn darha.

Ir-Royal Airforce Camp (Pembroke) f'San Pawl il-Baħar kien idejali għall-uffiċċjali tal-Airforce, għajjiena jew ixxukjati, post fejn setgħu jgħumu u jagħmlu passiġġati. Dan ir-"Rest Camp", kien fid-dar ta' Apap Bologna, Triq San Pawl, qrib Triq ix-Xama, filwaqt li l-pilots kienu fil-Villa Montalto qrib l-Għassa tal-Pulizija fl-istess triq.

Fit-28 ta' Frar, tilfet ħajjitha bil-bombi fil-Pwales, it-tifla Rita Vella ta' sitt snin. Fil-Pwales ukoll bomba tal-għadu fl-1942 nisslet ħsarat fil-knisja storika ta' Sant Anna. Fit-18 ta' Marzu 1942 bil-bombi tal-għadu tilfu ħajjithom ukoll Carmela Muscat ta' 72 sena u Francesco Muscat ta' 14 il-sena.

Fl-20 ta' Marzu 1942 ġie milqut b'direct hit is-Santwarju storiku ta' San Pawl tal-Ħuġġieġa. Kien sewwa sew meta wasal Malta l-hekk imsejjaħ "Convoy ta' San Ġużepp (Operation MW 10). Hawn xtaqt indaħħal ħaġa f'oħra; Jannar - Mejju tal-1942 kienu l-agħar xhur tal-Gwerra. Kien żmien meta iċ-ċedir ta' Malta kien imdendel b'harira. Kien żmien meta l-għadu iddeċieda li jwaqqa' fix-xejn il-moral tal-Maltin billi jolqothom fil-laħam il-haj. Kien żmien meta kienet mistennija min ħin għal ieħor it-twettieq tal-"operation "HERCULES" (Operation C 3) jew aħjar l-invazzjoni tal-gżejjer Maltin minn naha tal-Assi.

Il-kartolini ta' postijiet storiċi fosthom is-Santwarju storiku ta' San Pawl tal-Menqa, qabel il-gwerra kienu jiġu stampati fil-Ġermanja u żgur li Kesserling kellu album bil-kartolini tal-Monumenti storiċi ta' Malta, fosthom inklużi wkoll il-knejjes għalhekk f'dawn il-

monumenti sfaw fosthom il-knisja tal-Furjana, il-knisja ta' Ħal-Luqa, it-Teatru Rjal, il-Mosta, is-Santwarju ta' San Pawl il-Baħar u ħafna u ħafna oħrajn f'imkejjen oħra ta' Malta u Għawdex, u anke driegħ San Pawl fuq il-gżejjer sfat imtajjra min bomba jew shrappel ta' bomba tal-għadu.

Hawn ta' min isemmi li San Pawl u l-idwar tiegħu kien jifforma parti kbira mill-invazzjoni tal-għadu li fl-aħħar mill-aħħar baqgħet ma seħħitx. Forsi il-quddiem ikolli ċans nigbor u nagħti dettalji ta' x'kien hemm lest għal San Pawl il-Baħar min naħa tal-għadu.

Fis-7 ta' April 1942 meta fighters Germaniżi reġgħu mmaxinganjaw lil vapur Għawdex "Ir-Royal Lady" u f'dan il-ħbit ħadd ma weġġa, iżda fl-istess jum żewġ sajjieda Għawdxin li kienu residenti f'San Pawl il-Baħar, il-missier Ġiuseppi Grech ta' 52 sena u ibnu Ġanni ta' 28 sena mlaqqmin "Ta' Jessu" ġew immaxinganjati fid-dgħajsa taghhom waqt li kienu qed jistadu. It-tifel miet fl-istess dghajsa taghhom waqt li kienu jistadu, filwaqt li l-missier ittieħed l-isptar ta' Buġeja fejn miet fil-25 ta' April, sew sew għaxar tijiem wara l-għoti tal-George Cross lil poplu kollu tal-gżejjer Maltin. F'dan l-istadju ma semmejniex Suldati u baħrin minn San Pawl il-Baħar li setgħu sfaw maqtula x'imkien ieħor waqt il-qadi ta' dmirijiethom. Dawn għad irid jinġabru. Jissemma certu Ġiuseppi Xiberras li kien fin-navy fuq destroyer li sfat imgħarrqa u kien l-uniku wieħed li salva.

Fis-6 ta' Ottubru 1941 infetħet il-bażi tal-"ASR" (- Air Sea Rescue Base) f'San Pawl il-Baħar u ġiet allokata il-lanċa HSL 107 (- High Speed Launch) qabel f'Kalafrana. Iżda għalkemm ma kienx għad hemm bażi f'San Pawl il-Baħar, fil-25 ta' Jannar 1941 il-laneċ 107 telqet minn Kalafrana għal Kemmuna, fejn minn fuq "Flying boat Taljana" li kien niżel hemm għax kien bil-ħsara, ġabu lejn San Pawl il-Baħar l-ekwipaġġ ta' erba Taljani. Dan is-seaplane "Cant Z 501" kellu bħala pilota lit-Tenente Aldo Bellanzier. L-ajruplan kien waqt titjira ta' salvataġġ għal float plane ieħor li ma kienx irritorna fil-bażi. Iżda bħattieni wieħed ġralu xi ħsara u nitlef u talab il-bażi biex jixgħelulu is-searchlight. Mingħalih kien qrib Sqallija. Il-messaġġ inqabad minn Malta, xegħlu s-searchlight u l-ajruplan niżel ħdejn Kemmuna. Mgħarfa il-puluzija ta' Għawdex marru Kemmuna u arrestaw l-ekwipaġġ ta' erba minn nies u f'qasir żmien il-HSL. 107 ġiet minn Marsascala għal Mġarr Għawdex u hadet l-erba Taljani lejn San Pawl il-Baħar u l-għada fil-għaxija l-istess lanċa rmunkat l-ajruplan lejn San Pawl il-Baħar. Billi din il-lanċa kellha biss żewġt machine guns meta kienet toħroġ għas-salvataġġ kienet tkun difiża minn Huricanes. Matul il-gwerra il-107 salvat mill-baħar 86 ruħ, u 46 minnhom meta kienet stazzjonata f'San Pawl il-Baħar.
Din il-ħabta kien incharge minn din il-bażi f'Kalafrana Flight Lieutenant William Hardie. Wara lahaq minfloku Flight Lieutenant Crockett u kien fi żmienu li twaqqfet il-bażi tal Air Sea Rescue fuq il-moll tal-Veccia ta' San Pawl il-Baħar, fejn kisbu d-djar tan-Nobbli Henri Sant Cassia li hemm fuq il-moll biex ikunu ħdejn il-Lanċa. In-nobbli Sant Cassia dik il-ħabta kien fil-army u kellu taħtu is-suldati Maltin fil-fortizza ta' Campbell fuq

Selmun.

Sa l-aħħar ta' Diċembru 1943, il-lanċa 107 salvat mill-baħar 86 persuna tal-ekwipaġġ tal-ajruplan, tal-alleati u tal-Assi. Din il-lanċa kienet tkun mgħassa mill-hurricane, u dan għaliex darba waqt li kienet twettaq missjoni ta' salvataġġ ġiet attakkata mill-ajruplan tal-għadu u għalhekk bdew ma jiġbru piloti Ġermaniżi Taljani, u allura beda jiġi seaplane tal-ghadu biex jiġbor in-nies tagħhom.

## Hijacking tal-Cant - Z 506 b Serial No. MM 45432

L-isbaħ ġrajja marbuta mal-lanċa 107 tal-Vecca hi dik tad-29 ta' Lulju 1942 meta fil-gżejjer Maltin kien isaltan għadab kbir għal għadu minħabba l-ġuħ ta' kelb li kellhom il-maġġoranza tal-Maltin, u għalkemm anke f'San Pawl il-Baħar kien hemm min gawda bil-gwerra, oħrajn kienu b'subgħajhom f'ħalqhom isaffru għall-pluvieri......

Fit-28 ta' Lulju l-ajruplan "Beaufort No 217" tar minn Malta biex jattakka bastiment Taljan għan-nofs inhar tal-Greċja, iżda ġara li dan l-ajruplan safa milqut minn destroyer Taljana u spiċċa l-baħar. Il-crew telgħu fuq dinghy u bdew jaqdfu. Il-crew kien jikkonsisti minn: Il-Kapt. Logutenent Edward T. Strever tas-SAFF (South African Airforce) minn Klersdrop, South Africa, il-Pilota W.M. Dunsmore RAF minn qrib Qrib Liverpool, is-Surġent A.R. Brown RNZAF ta timaru. Ġara li dan il crew ingabru minn seaplane Taljan u ittieħdu fi Preversa fil-Greċja, fejn ġew milqgħua tajjeb mit-Taljani. l-għada 29 ta' Ottubru tgħabbew fuq il-Cant Z 50 No. MM 45432 li kien jifforma parti mill-Squadrilji ta' Ricognizione Marritima u telqu lejn Taranto fl-Italja.

Il-pilota Taljan kien jismu Tenente Pilota Mastrodicasa. Kien hemm ukoll second pilot Inginier u wireless operator u karabinier li kien armat għassa tagħhom. Billi dan il-karabinier l-uniku armat u għassa tagħhom l-ajruplan għamillu d-deni, il-crew tal-ajruplan priġunieri malli lemħu l-kosta ta' Sqallija u l-Italja, żarmaw lil Karabinier u ħadu l-ajruplan f'idejhom u ġelgħlu l-pilota iddawwar ir-rotta għal-Malta, iżda qorbu daru għalihom li "spitfires", allavolja il-Pilot Dunsmore beda jxejjer il-flokk abjad, bħala turija li kienu ser iċedu u għalhekk biex ma jintlaqtux għal-mewt niżlu San Pawl il-Baħar.

Flying officer J.S. Houghton, li temporanjament kien ikollu f'idejgħ it-tmexxija tal-Air Sea Rescue, jiġifieri anke tal-Lanċa 107 tal-moll tal-Vecca, jgħidilna li l-ajruplan Taljan ġie irmunkat minn HS 107 lejn San Pawl il-Baħar u mill-bokka tal-port seaplane Sunderland ġibdu sal-moll taħt ir-riħ tal-gżejjer sal-baga l-barra mill-moll tal-Vecca. Hemm il-ħames Taljani u l-erba tal-crew tal-Beaufort, tniżżlu l-art. Il-kliem bħaċ-ċirasa jiġri u fuq il-moll inġabru għadd ta' Pawlini mimlija għadab għall-għadu u li kieku ma kienx hemm għassa qawwija il-Maltin kienu jattakkaw lit-Taljani, iżda l-kaptan Strever tas-South Africa, li kien daq l-ospitalita tat-Taljani fi Prevesa l-Greċja ħareġ ir-revolver

u bih hedded lil Maltin.

Wara ritratt fuq il-moll, ritratt ta' tifkira, l-ekwipaġġ tal-Beaufort u tal-Canta jddaħħlu fid-dar ta' Sant Cassia iżda n-nies baqgħet hemm u biex jevitaw l-inkwiet mal-Maltin, kemm il-priġunieri u kemm il-crew tal-ajruplan Ingliż ħarġuhom mill-bieb ta' wara tal-qilla. Matul il-gwerra fil-bajja ta' San Pawl twaqqgħa "Spitfire" ħdejn il-Gżejjer u ieħor fejn huwa llum il-pitch tas-Sirens, u kien waqa Hurricane fuq ir-riħ tal-Pwales.

Minħabba l-invażżjoni dawk il-Maltin li kellhom dar tas-sajf f'San Pawl il-Baħar ma setgħux jinżlu u jorqdu hemm. Kull min kien jinqabad kien jeħel nofs lira kull darba. Minħabba l-biża ta' nvażżjoni l-kosta u x-xtajta kienu miksija bil-barbed wire (fildiferru mxewwek. Kien hemm mines moħbija u barrikati tal-barbed wire fit-toroq u ħitan għal kontra it-tankijiet u trakkijiet fit-telgħa ta' San Pawl tat-Tarġa. Għall-istess għan gew minġura il-figuri tal-mili minn fuq il-milestones tal-qawwi.

Tħaffru air raid shelters diversi f'San Pawl il-Bahar iżda l-istorja ta' dawn għad trid tinġabar. F'Ġunju 1942 fetħet il-V.K. (Victory Kitchen) ta' San Pawl il-Baħar u bħal inħawi oħra r-residenti riedu jċedu persentaġġ tar-razzjon tagħhom biex ma jkunx hemm ħela ta' ikel u pitrolju. Twaqqfu Advanced Dressing Station fil-Wardija u San Pawl il-Baħar minħabba il-korrimenti. Bejn is-sitta ta' April u l-ħmistax ta' April, 1942 sfaw milquta sitt imtiħen tal-qamħ fosthom dik ta' Gatt li reġgħet bdiet titħan fit-18 tal-istess xahar.

Bejn il-bidu ta' Mejju u Ġunju 1943 kull rokna f'San Pawl il-Baħar kienet mimlija suldati tal-8th Army u suldati Amerikani. Il-bajja nfissha kienet mimlija b'landing crafts u biċċiet tal-gwerra bi tħejjija għal "Operation Husky". Fis 6 ta' Ġunju 1943 tista tgħid ma kienx baqa qoxra f'San Pawl il-Baħar, għalkemm kienu baqgħu dawk l-Amerikani li kienu qed jieħdu ħsieb l-ajruplani ta' Horob fix-Xewkija Għawdex. Infatti l-materjal kollu għal dan l-airstrip kien jinġarr min fuq il-moll tal-Veccia. Grupp minn dawn l-Amerikani kienu joqgħdu fid-dar Nr. 414 Triq San Pawl, illum dari. Kienu baqgħu San Pawl il-Baħar ukoll Artellieri Amerikani li flimkien ma suldati Ingliżi u Maltin wara l-invazzjoni ta' Sqallija baqgħu fuq il-kanuni u kienu għadhom jgħassu u jipproteġu l-biċċiet tal-Gwerra Taljani ankrati f'San Pawl il-Baħar.

Fl-invażżjoni ta' Sqallija ħadu sehem 3 ajruplani, Sunderland u 3 Catalina stazzjonati f'San Pawl il-Baħar u Kalafrana, li kien magħrufa bħala 230 one half Sunderland. Dan il-perjodu tal-invażżjoni kien floridu għal ħwienet ta' San Pawl il-Baħar, l-aktar dawk tax-xorb. Il-bars mimlija min jixrob tazza "Ambid" u oħra u oħra u minn kien jiflaħ iħallas jew ipartat kien jingħata xi grogg jew tnejn brandy tal-"qalb" jew xi grogg whisky "Black and White" jew "Johnny Walker" għax kien hemm ħwienet qabel il-gwerra ħażnu fliexken mixtrija bis-sebgħa xelini u rrendew qliegħ kbir.

Dan huwa biss ftit tagħrif dwar sehem San Pawl il-Baħar fil-gwerra. Għad baqa ħafna xi jsir u x'jinġabar u għalhekk nagħmel appell lil Kunsill tal-post li jiġbor recording mingħand ix-xjuħ li baqa ta' x'ġarrab u x'għadda minnu San Pawl il-Baħar matul il-Gwerra. Jinġabar tagħrif dwar sehem il-knisja, l-edukazzjoni, mard u sanità, lieva, tagħrif mill-kotba tal-okkurrenzi tal-Puluzija ta' San Pawl il-Baħar u meta jinġabar dan il-materjal kollu b'riċerka u ntervisti jkun sar monument lil San Pawl il-Baħar, monument li kull darba jkun stampat fi ktieb, ikun jiġbor fih test ferm itwal u dettaljat minn kull monument ieħor ta' l-irħam. L-ewwel pass sar, ejja nimxu l-quddiem.

*John Bezzina*


BANKOK PRODUCTS

Distributor of Nuts
and
Dried Fruits

New Street off Qawra Coast Road, Qawra
Tel: 570270 Fax: 576410
E-mail: Bankok@netgate.net

WE 5
BAR AND RESTAURANT
**TRIQ IL-MULETT, QAWRA**
FULLY AIRCONDITIONED

SET MENU - SNACKS
A LA CARTE - TAKE AWAY

**TEL. NOS. 574598 / 412965 / 412950 / 410671 / 414611**